MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 416/2002

**Avviz numru 416/02 DM**

**Frans Sammut
Vs
Edward Torpiano**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, sabiex ihallas dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti skond il-Ligi ta’ l-Istampa bhala danni kkagunati lill-attur bil-kitba tieghu inititolata ‘Maltese – A European Language’ li dehret fil-harga tas-7 ta’ Gunju, 2002, fil-gurnal ‘The Malta Independent’ (f’pagna 9, Dok A) li fiha l-konvenut rreferixxa ghalih bhala wiehed mill-‘puppets’ ta’ Dr. Alfred Sant, u b’hekk ingurjah u naqqaslu mill-fama li jgawdi wara li l-Qorti tiddikjara li l-kitba msemmija hija malafamanti ghall-attur. Bil-Qorti mitluba li tordna li sunt tas-sentenza jixxandar bl-istess prominenza ghas-spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ghal fini ta’ kompetenza gie dikjarat li l-ammont ma jeccedix Lm5000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-ittra ppubblikata bl-ebda mod ma hija malafamanti jew b’xi mod tattribwixxi fatti determinanti bl-iskop li toffendi l-unur u l-fama ta’ l-attur ;
2. Bla pregudizzju ghas-suespost, il-kliem uzati mill-konvenut ma jikkostitwixxix malafama jew b’xi mod joffendi l-unur u l-fama ta’ l-attur, stante li huwa kliem uzat ta’ kuljum u accettabbli fid-diskors politiku ta’ pajjizna ;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

L-artiklu li minnu qed jilmenta l-attur huwa dak illi gie ppubblikat fil-harga ta’ ‘The Malta Independent’ fis-7 ta’ Gunju, 2002, f’pagna hdax (11) ta’ l-istess gurnal u kopja ta’ liema tinsab esebita a fol. 2 tal- process immarkata bhala dokument ‘A’.

L-artiklu kien intitolat ‘Maltese – A European Union Language’ u fih il-konvenut kien ghamel referenza ghal artiklu precedenti li kien miktub mill-attur u bi kritika ta’ dan l-istess artiklu l-konvenut kien uza s-segwenti kliem: ‘*one could not but think that Alfred Sant’s puppets always spread gloom and doom as far as prospective European Union membership is concerned’.*

Evidentement billi kien l-artiklu ta’ l-attur li kien qed jigi kkritikat mill-konvenut l-attur b’gustifikazzjoni hass illi r-referenza ghal ‘*Alfred Sant’s puppets’* kienet tinkludi lilu peress huwa kien wiehed iehor minn dawk il-kontributuri illi kien kiteb biex juri l-fehma tieghu kontra d-dhul ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea.

Minn naha tieghu l-konvenut, li b’ebda mod ma jinnega li kiteb l-artiklu u uza l-kliem li minnhom qed jilmenta l-attur, ibbaza d-difiza tieghu billi sosstna illi r-referenza ghall-‘*Alfred Sant’s puppets’* mhux bilfors kellha tinkludi lill-attur. Inoltre u fi kwalunkwe kaz, iddikjara li fl-isfond politiku ta’ dakinhar, riferenza ta ‘puppet’ ta’ Alfred Sant ghal min kien kontra d-dhul ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea, bhal ma kien il-Kap tal-Partit Laburista Alfred Sant, ma huwiex kumment libelluz.

Dan l-ahhar argument pero’ seta’ jreggi biss kieku almenu saret prova illi l-attur huwa attiv fl-isfera tal-politika Maltija u li huwa huwa attivist tal-Partit Laburista taht id-direzzjoni ta’ Alfred Sant, izda mill-provi jirrizulta biss illi l-attur huwa kittieb u bhal cittadin normali ghandu d-dritt tieghu illi jesprimi l-fehma tieghu bil-mod illi jixtieq hu minghajr ma jigi ttimbrat bil-kelma ‘puppet’ t xi hadd.

Ghalkemm il-konvenut ma jara xejn diffamatorju fl-uzu tal-kelma ‘puppet’, anke fil-konfront ta’ l-attur, il-Qorti ma taqbilx mieghu u nfatti ssib illi bil-kelma ‘puppet’ wiehed ghandu jifhem illi l-persuna hekk indikata m’ghandiex l-intellet u intelligenza necessarja illi tesprimi l-fehma taghha waheda jew li tagixxi bil-mod li tixtieq hi, izda hi dejjem soggetta illi tobdi u tagixxi bil-mod kif jigi ndikat lilha minn min ikun qieghed jimmanipulha.

Dan definittivament mhux kompliment, senjatament meta din il-kwalifika tigi ndirizzata lill-persuna li huwa kittieb professjonali li solitament jesprimi il-hsiebijiet tieghu u bhala tali ghandu jkun protett fid-dgawdija ta’ reputazzjoni tieghu fejn huwa tenut li, fil-kitba tieghu tieghu, effettivament jirriproduci l-fehmiet ewlenin u l-opinjonijiet tieghu wara d-debita riflessjoni ta’ mohh hieles minn kull imposizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti ssib illi l-artikolu *de quo* huwa libelluz fil-konfront ta’ l-attur u konsegwentement qieghda tilqa’ it-talba attrici u, tenut kont tal-proporzjon li trid jezisti bejn il-gravita’ tal-libell u l-ammont tad-danni, il-Qorti qieghda tillikwida d-danni fis-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100) u konsegwentement qed tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100) filwaqt illi tastjeni li tiehu konjizzjoni tat-talba ta’ l-attur ghax-xandir ta’ din l-istess sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------